MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2012

Avviz Numru. 320/2007

**Michael Seychell (ID 144540M)**

**Vs**

**Onor. Dr. Alfred Sant**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux ikun ikkundannat prevja d-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti, li parti mid-diskorsi pubblici maghmula mill-konvenut fil-Marsa, fis-16 ta' Settembru, f'Birzebbugia fl-20 ta'Settembru, f'Ta' Xbiex fit-30 ta' Settembru, fis-sens illi membru tal-Bord tal-PBS ippartecipa fid-decuzjoni li tirrigwarda kumpanija ta' bintu, liema diskorsi gew ippublikati kemm f'gazzetti u kienu fil-mezzi tax-xandir, huma malafamanti u libelluzi fil-konront tal-attur u kellhom bhala ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu (2) ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-Qorti a tenur tal-Art 28 tal-Ligi Dwar l-Istampa (Kap. 248).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness mal-istess rikors a fol 2 tal-atti u markat A.

Rat ir-risposta tal-konvenut (fol 9 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi d-diskors indikat mill-attur mhuwiex libelluz ai termini tal-ligi, fil-konfront ta’ l-istess attur.
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-istess diskors jikkonsisti f’espressjoni ta’ l-opinjoni u apprezzament, jew value judgement, tal-eccipjenti u huwa fair comment fuq materja ta’ interess pubbliku, fuq fatti sostanzjonlament veri, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta’ l-stampa, kemm taht il-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.
3. Illi bid-diskors tieghu l-eccepjent kien qieghed jezercita d-dritt u d-dover tieghu f’demokrazija, li jaghmel kritika politika fil-vesti tieghu pubblika bhala deputat tal-poplu u kap tal-opposizzjoni u jesprimi l-fehmiet u l-apprezzament tieghu fuq materja ta’ interess pubbliku, dwar l-amministrazzjoni pubblika.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tal-attur, dan xehed diversi drabi, kemm in esami kemm in kontro esami (fol 13, fol 21, fol 51 u fol 56 et seq ibid) u beda billi qal illi mis-sena’ 2003, hu kien membru tal-bord tad-diretturi tas-socjeta’ ‘PBS’. Hu kompla biex jghid illi bintu, Diane, hi mizzewga lil Pierre Portelli li hu involut f’kumpanija bl-isem ta’ “Water Melon Communications Ltd” li tipproduci, fost attivitajient ohrajn programmi sabiex jigu trasmessi fuq it-televizjoni fosthom wiehed bl-isem ta’ “L-ispjun”. Meta kienet qed issir diskussjoni dwar dan il-programm in konnessjoni mal-hekk imsejjha “skeda” ta’ programmi li ser jigu trasmessi,

hu kien iddikjara mac-“chairman” tal-Bord tad-diretturi li seta kien hemm konflitt ta’ interess u ghalhekk kien offra li ma jippartecipax fid-diskussjonjiet dwar l-istess program. Pero dan qallu li ma kienx hemm boznn li jaghmel dan “… peress illi l-programmi in kwistjoni (u ohrajn) kienu diga’ gew approvati mill-kummissjoni interna” u ghalhekk l-iskeda kienet giet approvata b’”consensus”. Fl-2006 l-istess program kien ser jerga’ jigi trasmess u dan bl-istess “consensus”. Sussegwentement, meta kien ser jigi trasmess ghat-tielet darba, dan ma kienx sar ghar-ragunijiet indikati fl-istess xhieda. Dwar il-kummissjoni interna li ssemmiet, hu ma kienx jippartecipa fiha u kienet din il-kummissjoni li “… direttament li tiltaqa’ ma l-persuni li ser jipproducu l-programmi”.

Fl-istess zmien kienet qed tigi diskussa problema li kien hemm bejn il-bord ta-diretturi l-Bord editorjali dwar zewg programmi b’wiehed minnhom dak li semma bhala prodott mill-kumpanija li fiha kellu interess ir-ragel ta’ bintu. Filfatt, waqt din id-diskussjoni anzi diskussjonijiet, hu ma kienx ippartecipa meta kienet tkun involuta l-istess kumpanija, fi kliemu stess ‘hrigt il-barra’. L-istess attur esebixxa diversi hargiet ta’ gazzetti li fihom hemm rappurtat dak li ntaqal mill-konvenut fid-dati msemmija fl-istess xhieda u fir-rikors promotur. <u>In kontroesami</u>, l-istess attur spjega x’kien l-involviment tieghu fil-politika u bhala trejdjunjonista, hu rega’ sostna illi waqt diskussjonjiet quddiem il-bord tad-diretturi tas-socjeta’ ‘PBS’ u li kienu jinvolvu l-programm li ssemma ‘.. jiena kont krigt il-barra. Dan ghamiltu kull darba li kien hemm involut program … fejn kienet involuta t-tifla tieghi, dejjem hrigt il-barra waqt id-diskussjoni ‘. Hu kompla jghid illi ‘ovvjament fuq l-iskeda fejn kien hemm involut il-programm l-ispjun jiena ivvotajt ukoll, il-votazzjoni kienet unanima. Filfatt jiena kont favur l-iskeda kompluta li kienet tinkuldi, ukoll, il-programm l-ispjun.. Difatti, waqt diskussjoni fuq l-iskeda kollha, il-bord tad-diretturi kien jara x’programmi li kienu gew, di gja approvati mill-‘management’ biex imbaghad jittiehed il-vot. ‘Sa fejn naf jien’, kompla l-attur ‘dejjem ikun hemm qbil mas-suggerimenti tal-management. Inoltre, kienet saret bidla fis-sostenn billi l-‘vetting’ ta’ program beda jsir mill-bord

editorjali. Eventwalment meta kien qed jigi diskuss il-programm ‘l-Ispjun’ quddiem il-Bord tad-diretturi, hu ma kienx ppartecipa fid-diskussjoni. Sussegwentement hu rega’ tenna dak li ntqal minnu aktar il-fuq fis-sens ‘… jiena bl-ebda mod ma kont involut fid-diskussjonijiet dwar xi programmi li kien(u) jinvolv(u) lit-tifla tieghi u zewgha pero kont involut meta giet approvata l-iskeda kollha flimkien ma programmi ohra’. Dwar xi tfisser l-approvazzjoni tal-iskeda, hu beda billi qal illi n-negozjati ma kumpaniji produttrici kienu jsiru bejn ic-‘chairman’ u c’chief executive’ fuq naha wahda u r-rappresentanti tad-diversi kumpaniji. Sussegwenetment quddiem il-bord tad-diretturi kull program kien jigi diskuss u l-attur imbadixxa illi ma kienx jiehu parti f’diskussjonjiet fejn seta’ kellu xi konflitt ta’ interess. Difatti ghalhekk l-ghazla al-programm, f’dan l-istadju kienet tkun di gja saret qabel l-approvazzjoni tal-iskeda ‘in toto’ fejn seta biss kien hemm diskussjoni biss fuq il-hin.

Illi l-attur, in sostenn pproduca diversi xhieda ossija:-

a) Joseph Fenech Conti (fol 28 ibid) li fil-perjodu in kwistjoni kien jippresjedi l-Bord tad-diretturi tal-‘PBS’ dan, ukoll, qal illi meta kien hemm xi diskussjoni jew kellha tititiehed xi decisjoni dwar xi programmi li kien jinvolvi bintu u zewgha, l-attur ma kienx jippartecipa minhabba l-konflitt ta’ interess li kien hemm.

b) L-avukat Dott Joseph Refalo (fol 17 u fol 29 et seq ibid) is-segretarju tal-PBS u tal-bord tad-diretturi ghamilha cara illi kull darba li kien qed jigi diskuss xi programmi li jinvolvu bint u/jew zewgha, l-istess attur kien jiddikjara, apertament, illi kellu interess u kien johrog barra mill-kamra sakemm id-diskussjoni tkun spiccat. L–istess xhud esebixxa estratti mill-minuti tas-sitt ‘board meetings’ rilevanti ghal dan il-kaz u li jgibu d-data ta’ bejn is-27 ta’ April 2007 u s-7 ta’ Marzu 2008. Dan l-estratti jinsabu a fol 30 et seq ibid u juru kif, filfatt, l-attur kien dejjem talab li jigi skuzat waqt diskussjoni ta’ programmi partikolari (‘L-Ispjun’, ‘Big Brother(Malta)’, ‘Big Bluff’) Filfatt jidher li l-attur kien hareg il-barra waqt id-diskussjoni u rega’ dahal meta d-diskussjoni relattiva intemmet.

Ikkunsidrat

Illi oltre d-dokument gja imsemmi u li jinsab a fol 2 tal-atti, l-attur permezz tax-xhud Edgar Cassar (fol 26 ibid) esebixxa zewg 'DVSs' in konnessjoni mal-ahbarijiet u programmi hemm msemmija u li gew trasmessi fuq l-istazzjonjiet hemm imsemmija u li jirreferi ghall-kliem risultanti mill-istess dokument a fol 2.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut avolja nghata diversi differimenti ma pproduca ebda prova in sostenn ta' dak eccepit minnu hlief l-attur, in kontro esami (fol 54 u fol 56 et seq ibid). Dwar dan issir referenza ghal dak, li jinghad a fol 59 sa fol 65 ibid minn fejn jidher ukoll li kien hemm differimenti sabiex jsir tenattiv ta' transazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut u dan ma giex kontestat kien qal li ' Il-PBS wasal fl-indicenza fejn memebru tal-Bord tad-Diretturi li waqt li tghidx kemm jippoza ta' qaddis fil-politika, jattakka bla hniena lill-Partit Laburista jkun partecipi f'decisjonijiet li jirrigwardaw programmi li jinghata lill-kumpanija ta' bintu'. Illi, dwar dan, ma giex kontestat li dak li ntqal mill-konvenut kien filfatt qed jirreferi ghall-attur.

Illi l-attur kien, effettivament membru tal-bord tad-diretturi tal-'Public Broadcasting Services' . Pero irrisulta, b'mod car, u mill-provi prodotti kif hawn fuq riassunti, illi meta xi program prodott minn bint l-attur u zewgha kien qed jigi diskuss sabiex jigi inkluz fl-iskeda ta' programmi televizivi li ser jigu mxandra, l-istess attur kien jassenta ruhu u ma kienx jippartecipa b'mod attiv fid-decisjoni li ser tittiehed mill-bord tad-diretturi, dwar l-istess program jew programmi.

Ikkunsidrat

Illi fil-fehma tal-Qorti irrisulta li dak li allega l-konvenut fid-diskorsi pubblici in esami ma kienux veritjier jew

jirrispekkja dak li attwalment 'u verament gara' waqt id-diskussjonijiet u decisjonjiet li jinvolvu il-programm indikati f'dak li allega l-istess konvenut. Inoltre jigi rilevat illi l-attur kien qed jizvolgi funzjoni, dik ta' direttur, l-entita' pubblika u dak li allega l-konvenut izda minghajr ebda bazi ta' fatt, ghandu jigi konsiderat bhala malfamanti fil-konfront tal-attur.

Ikkunsidrat

Illi fid-dawl ta' dak kollu premess l-eccezzjonijiet kollha, sottomessi mill-konvenut ghandhom jigu respinti peress li d-diskors in esami hu libelluz, u bl-ebda mod ma jista' jikkonsisti u jigi konsiderat bhala '…. F'espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament …u huma 'fair comment' fuq materja ta' interess pubbliku, fuq fatti sostanzjalment veri ….' Waqt li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u :-

a) tiddikjara li parti mid-diskorsi pubblici maghmula mill-konvenut fil-Marsa, fis-16 ta' Settembru, f'Birzebbugia fl-20 ta'Settembru, f'Ta' Xbiex fit-30 ta' Settembru, fis-sens illi membru tal-Bord tal-PBS ippartecipa fid-decuzjoni u li tirrigwarda kumpanija ta' bintu, liema diskorsi gew ippublikati kemm f'gazzetti u kienu fil-mezzi tax-xandir, huma malafamanti u libelluzi fil-konfront tal-attur u kellhom bhala ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu;
b) tikkundanna lill-konvenut sabiex jahllas lill-attur is-somma ffissata a'arbitrio boni viri' ta' €1000 a tenur tal-artikolu 28 tal-Ligi Dwar l-Istampa (Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll l-ispejjes kollha ta' din il-procedura.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------